**MALTA**

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar il-15 ta' Marzu 2024

Avviż Numru: 147/2023NHV

**Michael Debono Limited**
(C10002)

**vs.**

**Isaac Camenzuli**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0248399M

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2023, li permezz tiegħu is-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' ħamest'elef mija u tlieta u sebgħin ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€5,173.77), b'referenza għall-bejgħ tal-vettura ossia RR Petrol b'Chassis No. ZD3EB01C1K0000626 ikkonsenjata lill-konvenut skont *Hire Purchase Agreement* datat is-7 ta' April 2021, oltre l-imgħax legali.

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi innumerata 935/2023, u tal-mandat ta' sekwestru li ġie ppreżentat kontestwalment u nnumerat 930/2023, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut, inġunt in subizzjoni.

Rat li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem il-Qorti.

Rat il-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi fil-konfront tal-konvenut u l-fatt li l-konvenut Isaac Camenzuli naqas milli jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk ai termini tal-Artikolu 702 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess kapitolu għandu jittieħed bħala mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjetà attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, il-Qorti tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Isaac Camenzuli iħallas lis-soċjetà attriċi is-somma ta' ħamest'elef mija u tlieta u sebgħin ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€5,173.77), bl-imgħax legali dekorribbli mill-preżenti, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, kif mitluba, huma a kariku tal-konvenut.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur